MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 914/2011

**Pierre Darmanin u Anna Belle Darmanin**

**Vs**

**Paul Lungaro**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-atturi fejn gie premess:-

Illi l-esponenti u l-intimat Paul Lungaro kienu iffirmaw konvenju bid-data tat-12 ta’ Dicembru 2009 ghall-bejgh u xiri (kompra-vendita) ta’ porzjoni diviza ta’ art fi Triq l-Immakulata Koncezzjoni, kantuniera ma’ Triq Sant Antnin, Marsaxlokk kif jidher mill-kopja Dok A;

Illi l-prezz miftiehem kien ta’ mija, wiehed u hamsin elf, tlett mija u disghin Euro (€151,390.00) li minnhom l-esponenti kienu hallsu is-somma ta’ hmsitax il-elf mija u

disa` u tletin Euro (€15,139.00) "bhala depozitu akkont tal-prezz" direttament lill intimat Paul Lungaro.

Illi l-intimat Paul Lungaro kellu jiehu hsieb li jaghti lill-esponenti pjanta li turi l-konfigurazzjoni kif ukoll il-kejl tal-art izda minkejja li gie interpellat kemm il-darba mill-esponenti, u minn Nutar taghhom Joseph R. Darmanin, peress li dawn id-dettalji kienu neqsin fil-konvenju tat-12 ta' Dicembru, 2009, dina l-pjanta qatt ma nghatat lill-esponeneti jew lin-Nutar taghhom;

Illi minhabba f' hekk il-konvenju ma setax jigi registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni skond il-ligi u ghalhekk tilef il-validita` tieghu wara wiehed u ghoxrin gurnata, ghalkemm kien sar ghal perjodu ta' sitt xhur;

Illi bl-ittra ufficcjali tal-25 ta' Lulju 2011, l-esponenti interpellaw lill-intimat jirrifondilhom is-somma imsemmija ta' €15,139.00 mizmum minnu bhala depozitu akkont tal-prezz, kif jidher mill-kopja Dok B, izda l-intimat irrifjuta kif jidher minn nota, kopja ezebita bhala Dok C u ppretenda li ghandu jzomm id-depozitu ghalkemm il-konvenju kien skada, qatt ma interpella lill-esponenti biex jersqu ghall-att finali u ma hemm l-ebda kundizzjoni fil-konvenju li jekk ma jsirx il-kuntratt finali, d-depozitu ghandu b' xi mod jintiflef favur l-intimat;

Ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitolbu bir-rispett kollu lil din il-Qorti:

1. Tiddikkjara li l-konvenju tat-12 ta' Dicembru, 2009 skada u tilef kull effett legali u ghaldaqstant il-partijiet ghandhom jirrivertu ghall-*status quo ante*.
2. Tikkundanna lill-intimat biex jirrifondi s-somma ta' €15,139.00 lill-esponenti liema soma kienet inghatat lill-intimat bhala depozitu akkont tal-prezz;
3. Tikkundanna l-intimat ihallas ukoll l-imghaxijiet leagli fuq l-imsemmija somma ta' €15,139.00 b' effett mit-13 ta' Gunju, 2009;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Lulju, 2011 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment, kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-intimat prezentata waqt is-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2011;

In vista tan-nota ta’ ammissjoni, tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kollha kontra l-intimat Paul Lungaro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------